MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Numru 675/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR NOEL CUTAJAR**

**VS**

**WAYNE DELIA;**
**RODIENNE FARRUGIA;**
**MARIA BUSUTTIL**

**Il-Qorti;**

Wara il rat l-imtazzjonijiet migjuba kontra Wayne Delia, ta' 19-il sena, bin Martin u Mandy nee' Warner imwieled tal-Pieta' nhar il-21 ta' Novembru, 1985, u residenti fil-fond numru 2, Bellavista, Triq il-Qastan, Marsascala, u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 574 785 (M);

Rodienne Falzon ta' 15-il sena, bint Mario Farrugia u Josephine nee' Camilleri, imwielda tal-Pieta' nhar id-9 ta' Jannar, 1990, residenti fil-fond numru 2, Blokk C, no 2,

Guze d’Amato Street, Paola, detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 47190 (M);

U Maria Busuttil ta’ 15-il sena, bint Consiglio Busuttil u Grace nee’ Gatt, imwielda tal-Pieta’ nhar l-2 ta’ Frar, 1990, residenti fil-fond Blokk B, Flat 4, Neolithic Temples Street, Paola, detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 119 490 (M);

Akkuzati talli nhar it-28 ta’ Gunju, 2005, ghall-habta tas-2.00 ta’ wara nofsinhar, gewwa l-Bajja s-Sabiha, Birzebbuga, ikkommettew serq ta’ basktijiet kontenenti apparat telefoniku, hwejjeg u flus, u dan ghad-dannu ta’ Matthew Agius, Gabrielle Caruana u diversi nies ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin u bil-vjolenza numerika.

Wara li rat l-Artikoli 261, u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputati, fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li nghataw zmien xieraq biex jikkonsidraw din l-ammissjoni taghhom;

Wara li rat il-fedina penali netta tal-imputati, l-eta’ tenera taghhom, li r-res furitva giet ritornata, u l-kooperazzjoni tal-imputati mal-pulizija.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi qiegheda ssib lill-imsemmija Wayne Delia, Rodienne Farrugia, u Maria Busuttil hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriehom u tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena (1), *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------